


PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI
MINGHAIR PARTIT
The Chilean Nitrate Committee, 53 Strada San Vincenzo, Sliema, Malta.
Editur u Direttur Onorariu, C. ZAMMIT MARMARA' F.R.H.S.

Vol. I. No. 8.




L'icbar difficultà fit-tghalim tal biedia hi dic li tfisser *x'inhi* l'Agricoltura.

Ghax-xienzat l'Agricoltura hi l'ictar l'applicazioni tal chimica fil biedia; ghal giardinar tista tcun il cultivazioni tal frott, tal fiuri jeu pianti tas-serra, ghal bidui l'ghelejjel u cura tal animali, u m'ghanniex xi nghaidu collha fl'imchien jakblu li l'Agricoltura hi xienza. Il fatt hu izda, illi l'Agricoltura hi imfittxa biex minnha uieħed jakla l'gheixien tieghu, u ghaldakstant figha infisa m'hix ħag'oħra ħlief negoziu. Izda *f'cull pass* taħħa li tcun taf ix-xienza hi ghainuna cbira u ħagia meħtieġa. Il Bidui ghandu izomm tajjeb f'moħħu, li fil uakt li ix-xienza tgheinu ħafna fix-xoghol tiegheu, jinħtieġ li hu stess icun neguziant tajjeb, ghaliex dac li m'hux neguziant tajjeb ma jistax icun bidui tajjeb. Jinħtieġ jifhem il bidui illi in-negoziu tal biedia hu il kofol fil uakt li ix-xienza hi meħtieġa biex izommu ghaddej il kuddiem.

Il bidui, ghaldaksecc, fill uakt li ifittex li jitghallem chif jeħles din jeu dic il marda tal prodotti, chif jekred dan jeu dac l'insett ghandu ifittex ucoll li jitghallem IL GHALA u chif din il marda jeu dac l'insett jitfaccia, chif u meta ghandu jilkaħhom u IL GHALA.

L'euuel ħsieb taghna biex ingibu l'Agricoltura ta pajjisna il kuddiem ghandu icun dac li neducau il bidui f'senghatu. Jech il bidui jitghallem senghatu seuua il biedia tigi il kuddiem fi zmien uisk iksar milli naħsbu aħna.

Il Biedia u'x-xienza taħħa huma l'ghana u'l ħajja ta cull pajjis.

Dan il periodicu chien, ghadu u isir izied ghalli gej, kari meħtieġ ghal bidui, biex jghallmu il CHIF u il GHALA,

ix-xoghol u's-sengha tal biedia biex icun jista jghaddi il kuddiem.

Min jakra giurnali ta pajjisi oħra ma jistax ma jigix milkut mill'importanza li l'Agricoltura kgheda tircievi fi zmienna, u fil uakt li il potenzi cbar jitħadtu fuk li paci, bosta minnhom fehemugha li l'icbar paci tinsab biss filli jghallmu lil bidui jeħu mill'art l'aħjar prodotti u bil cotra, u fl-istess ħin li jghallmu lil bniedem chif jghamel usu mil prodotti tal art b'gid cbir ghal saħtu u ghal pajjisu.

L'Inghilterra timporta ma duar 80 fil mija mil kamħ necessariu ghal consum taħħa, 50 fil mija tal laħam li tinħtieġ. L'Olanda jinħtigila ucoll art izied ghan-nies taħħa, u jech l'affarijet jibkghu sejrin chif inhuma, it-tfal tat-tfal taghna ghad jarau ma duar hamsin miljun nies jippruvau jeħdu l'gheixien taħħom min dic l'art.

L'America ftit snin oħra ma tcunx tista tesporta izied affarijet ta l'ichel ghax tcun tridhom ghal consum taħħa; u chif pajjis uara l'jeħor jasal f'dan li stat, in-nies tad-dinja jimmaniggiau biex b'mod jeu b'jeħor isibu l'ichel jeu *jacquistau art izied* fejn jistghu jipproduċuħ.

Jech id-dinja tibka sejra chif inhi sejra, hi bla dubiu ta xein tibka rieska lejn guerra colossali li ħatt ma icun jista jevitgha.

Min hecc tarau il ghala l'akua potenzi iħabblu rashom fuk il biedia, ghaliex jafu illi il paci tad-dinja tinsab fl'art u li jinħtieġ illi minnha il bidui jeħu chemm jista biex izomm id-dinja id-dur.

U f'pajjisna fil uakt illi ix-xienza u'l prattica jimxu id f'id, ghanna nghamlu cull ma nistghu biex ingiaghlu lil *bdieua zghazaħ* jinteressau ruħħom fil biedia u nħarrsuhom mil veleni, scandali u blugha tal bliet!

---

## ID-DUBBIENA TAL FROTT.

(*Ceratitis Capitata* Wied.)

Mill'Editur.

Cullħatt jaf il ħsara li k'ghed taghmel f'pajjisna id-dubbiena tal frott. Ghalchemm f'pajjisna ghad m'hix taghmel ħsara fuk il frott u ħxejjex *collha*, izda f'pajjisi oħra kgħeda tmiss anchi it-tadam, il bzar aħdar, il fazoli, u ħxejjex oħra. Jinħtieg ghaldakshecc li nibdeu il guerra taghna contra taħħa kabel ma icun tard uisk.

Din id-dubbiena hila mgharufa mix-xienza ghal 100 sena u ma tul dan iz-zmien xterdet quasi mad-dinja collha.



Giet mgharufa fi Spanja fl'1842, fl'Algeria fl'1858, fl'Italia 1863, fi Skallia, fl'1878, f'Tunes fl'1885, fil Africa t'isfel 1889, fl'Australia fl'1897, fit-Tasmania fl'1899, fi Franza 1900, fl'Egittu fl'1904, ghamlet ħsara cbira fil Grecia fl'1916.

Id-dubbiena tal frott tixbaħ fil ghamla l'id-dubbiena l'ieħor, izda

m'ghanda xtaksam xejn fil culur chif inkas fid-drauua taħħa. Hi ftit izghar mid-dubbien comuni. Rasa bajda bi strixxa safra fuk dahara ghanda tbajja scuri ilekku, sidira isfar b'zeug strixxi bojjod. Fuk guinħaigha ghanda tbajja canella u sofor. Il culuri canella, isfar isued u abjad jiddistingu id-dubbiena tal frott mid-dubbien l'ieħor.

Iċ-dubbiena ghanda fit-tarf ta gisimgha uara, bħal ponta tuila ħafna li bigha it-takkab il koxra tal frott u min daun it-tokob tbid gio 'l frotta. Ordinariament tbid min uaħda sa sitt baidiet seuua seu taħt il koxra. X'mindakkiet dubbien oħra jersku u ibidu fl'istess tokba. Il baid hu ta culur abjad u tauuali, b'ponta f'cull tarf, is-sebgha-u-ghoxrin parti ta pulzier cbir.

Il baid ifakkas dud zgheir bajdani li jibda jigri l'haun u l'hemm mal frotta collha jiclu minnha u jiccagiunau it-taħsir. Malli ifaksu ma tantx jidru, izda meta jicbru seuua malair tista tarahom ghalchem il cobor taħħom hu ħamsa-min-sittax il parti ta pulzier tual. Jech tieħu dan id-dudu mita jicber seuua u tkghedu fuk xi ħagia lixxa dan ghandu il proprietà li jakbes min uieħed sa sitt pulzieri.

Uara li dan id-dudu jicber, joħrog mil frotta li minna icun chiel u fiha trabba, u jistaħba geuua il ħamrija xi zeug pulzieri taħt il uiċċ, u hemm jittrasforma ruħu fi *crisalidi*, f'dan li stat id-dudu ma jitħarricx u jifforma ruħu bħal kamħa jeu zerrigha zgheira, izda izghar min kamħa. Ghalchemm min barra din tcun tista tidher bħal ħagia meita, in-natura tcun kghed tibdel dac iddudu hecc icraħ f'dubbiena sabieħa li taghmel tant ħsara, bħal ma fissirna u li taħħa keghdin ingibu li stampa haunecc. Fi ftit granet id-dubbiena toħrog min dic il *crisalidi* titla f'uicc il ħamrija u min hemm tfittex tit-tajjar ghal fuk il frott biex tergia tbid.

Ghalchemm id-dubbiena ma taghmel l'ebda ħsara lil gisem tal bniedem hi uaħda mill'icbar ghedeuua tal bidui, ghaliex il ħsara li taghmel fil frott hi uisk cbira u sa chemm ix-xienza issib rimediu biz-zejjed kauui biex tekrida ghal collox, il bidui jinħtieg icun jaf id-drauua taħħa seuua biex ma inħallihiex toctor.

Id-dubbiena tmut fi zmien 4 tijem jech ma issibx x'tiecol; izda jech issib sugu tal frott jeu ghasel ta l'insetti, li jifforma l'icbar parti ta l'ichel taħħa hi tista tgheix ħajja tuila min 7 sa 10 xuhur, izda bħala regola generali, specialment fil clima taghna, hi tgheix uisk inkas; biccia minnhom imutu malair anchi jech isibu l'ichel li jinħtiegu.

Id-dubbiena tibda tbid malli icolla min 4 sa 10 tijem, u jibkghu ibidu culljum sa chemm jibkghu ħajjin. Dubbiena tista tbid min 4 sa 6 baidiet culljum, ghalchemm hemm casi fejn taħt condizioni tajba ibidu anche 22 bajda f'giurnata uaħda. Taħt condizioni favorevoli, dubbiena tista tbid daks 800 bajda jeu izied f'tul ħajjita.

Biex uiehed icun jaf seuua id-drauua tad-dubbiena tal frott, u biex incunu ictar nistghu insibu rimediu li nekerdugha, hemm bzonn ngheidu li, *jech nghamlu mezzi biex ma inħallux dubbiena tbid ghal sitt xuhur sħaħ din ghanda il forza tibda tbid uara, malli issib il frott biz-zejied*

*misjur ghax xoghol taħħa.*

Id-dubbiena tal frott tmiss ħafna qualita ta frott, bħal m'hu il-langias, it-tin, l'ariṅg, it-tuffieħ, il ħauħ, il baitar tax-xeuc u xi oħrain. Tghamel ħsara cbira lil l'aring u'l mandulina.

Din id-dubbiena li kghed taghmel ħsara cbira kghed toctor min sena ghall'oħra, u jinħtieg li cull min ghandu sigar tal frott, chemm fir-raba chif ucoll f'gionna privati jaghmel dac li jista biex nekerdugha. Ix-xienza kgheda taħdem b'ħilta collha biex issib rimediu sigur, izda sa chem dan jinsab hemm bzonn li nghamlu il mezzi li s'issa ghandna f'idejna.

Ghadu kauui ta din id-dubbiena instab fl'Africa t'isfel, (*Opius humilis* Silv) u jeħor fl'India (*Syntomosphyrum indicum*) u nisperau li ma idumx ma jigi ip-pruvat il forza tieghu contra id-dubbiena tal frott fil gzejjer taghna. Dan l'insett li hu ucoll forma ta dubbiena, ifittex id-dudu tad-dubbiena f'uakt li ghadu fil frotta u iniggsu, ibid fieħ stess u b'hecc jekerdu.

Ghalchemm f'Malta din hi ħagia li uieħed irid fuka jesperimenta, id-difficultà tcun li fil uakt li dan il parassità jista jaghmel gid cbir fi frott ta koxra irkieka, fil-laring id-dudu tad-dubbiena tal frott jista jidħol in-naħa ta nofs il frotta u hecc id-dubbiena parassita ma tilħkux kabel jersaħ vicin il koxra. Izda Billi nippruvau ma nitilfu xejn.

Mela dac li nistghu nghamlu ghalissa hu dac li nekerdu mill'actar fis li nistghu il frott collhu minsus li jaka taħt is-sigar. Bħal ma gia fissirna, jech dan jitħalla hemmec ma iservix ghall ħag'oħra ħlief biex iCattar il ħsara fil frott li icun ghad m'hux mimsus. L'Aħjar mezz li tekred id-dudu hu li tixħet il frott f'misħun jghali jeu taħarku.

Li tgharrak il frott fl'ilma icun biss tajjeb jech dan *ghall'inkas* tħalieħ mgharrak ghal 5 tijem.

Id-dubbiena tibda tbid uara 4 tijem jeu izjed li is-sir dubbiena, u cull ħagia li tista tekrida f'dan iz-zmien tcun tajba ghax ma tħallijiex tbid. F'pajjisi oħra juzau ibixxu is sigra b'taħlita velenusa li sabugha tajba ħafna. Din it-taħlita tintghamel hecc:

3 libbri Zoccor
4 ukijet arsenicu tal ħadid
5 galluni ilma.

Ma ninseux li din hi *taħlita velenusa* u ma ghandiex titħalla fejn jistghu jixorbu minnha xi animali jeu f'idejn it-tfal. Tista tbixx b'pompa tal patata.

Fil uakt li nghamlu dan jinħtieg ucoll li il frott—biex zgur insalvauħ, nghamluħ f'boros. Il boros jistghu icunu tal carta izda l'aħjar mita nghamluhom tad-drapp (xi drapp irħis) ghax dan jibkghu iservu min sena ghall'oħra. Dan ghandu isir mita il frott icun ghadu aħdar seuua. Il boros m'ghandhomx icunu zghar izda b'mod li il frotta tcun tista ticber minghair ma tinghafas maħħa. F'li stess ħin m'ghanniex inħallu id-drapp imiss mal frotta ghaliex id-dubbiena tista tilħak il frotta min barra u tbid figha xorta uaħda.

Id-dubbiena tal frott kgheda tehedded li tekred ghal collox ħafna mil frott ta Malta. Cullħatt ghaldakstant ghandu jghamel cull ma jista millum il kuddiem biex ma nħallu-hiex toctor u hecc fi ftit zmien nekerdugha ghal collox.

——

# MEHTIEG GHAL BDIEUA.

Gaudi il mutur tieghec, zommu f'condizioni taiba minghair ma icolloc bzonn tnaddfu billi tuza il Famus.

## "PETROLIU TA L'ASIATIC U BENZINA SHELL"

L'actar petroliu raffinat u speciali ghal muturi li hu uzat mill'akua motoristi tad-dinja. L'akua fabrichi ta barra jirricmandau dan il famus petroliu Asiatic u Benzina Shell (tal arzella).

UZA LILU U FADDAL IL FLUS!

Jimbiegh cull'imchien f'Malta u Ghaudex fit-tankijet HOMOR U SOFOR tal ASIATIC PETROLEUM COY. LTD. (tal marca ARZELLA).

*Zomm dejjem id-dar u'r-razzett nadif u ħares l'ghar mard* billi tuza

## SHELL-MORTOL

## CHIF TUZAH

**DUBBIEN, NEMUS, ecc.**—Ghalak il bibien u it-tuieki collha u zomm il pompa ippuntata il barra minnec u ibda roxx. L'euuel is-sakaf u imbaghad il ħajt minn fuk s'isfel. Uara li tcun raxxejt *Shell-Mortol* bizzejjed id-dubbien u l'insetti ghal-leuuel jibdeu jittajru l'haun u l'hemm, uara ftit tonkoshom il forza, jistordu, jakghu u imutu.

**BAKR U BRIGHED**—Hott is-sodod, biccia, biccia. Ix-xkuk u it-tghatin ghandhom icunu imraxxin tajjeb bill *Shell Mortol* u li strixxi, u il ħadid tal gnub ghandhom jigiu midluca b'dan il liquidu. L'insetti zghar imutu malajr u il cbar ma idumux ħajjin actar minn sitt minuti.

**CAMLA U UIRDIEN**—Lbiesi, ħuejjeġ tal pil ecc. ghandec tfarfarhom, tnaddafhom u tidlihom ghal camla. Il pompa, zommha, xi nofs metru boghod mill'oggett, u ix-*Shell-Mortol* roxxu bill moghod. Il *Mortol* m'hux biss jekred il camla izda anchi il bajd taħħa.

**IN-NEMEL ecc.**—Hemm l'bzonn illi troxx malajr u bil quantità, biex kabel ma daun l'insetti jiscartau icunu già ħadu *Mortol* bizzejjed. Ghal dan ix-xoghol aħjar tcunu tnejn min-nies. Uieħed biex iroxx u l'iħor malajr ighezzez l'insetti flimchien biex ma iħallihomx jaħarbu. Jaħtieġ uisk illi jigiu imraxxa il lochi comdu, il pixxiatur, u fejn jinzamm il bzar (zibel) ecc. chif ucoll mal ġnub collha tal canni tal ilma. Ghal bidu hemm bzonn li troxx culljum izda uara zmien icun bizzejjed jecc troxx darba fil gimgha.

**ID-DANNU TAL BIEDIA**—*Shell Mortol* hu meħtieġ uisk fl'agricoltura biex jiccumbatti l'insetti danneggiusi; biex tħares iz-zuiemel, bakar tal ħalib, animali li jinzammu ghas-simna u anchi tjur ghandec troxxilhom il *Shell-Mortol* taħt il pil jeu ir-rix taħħom, l'insetti f'dakka uaħda jakghu minn fukhom u imutu. Cull carrettun tal bdieua dejjem ghandu icollu ix-*Shell-Mortol* u l'animal ghandu cull tant jigi imraxx. Daun ghandhom jigiu imraxxa m'ir-rashom sa dembhom *izda min icun kighed iroxxhom jittendi ghal ghaineihom.*

Unici Agenti f'Malta **Degiorgio & Azzopardi 225 Sda. Mercanti-Il Belt.**




## X'JGHEID LORENZO ZAMMIT
(Micabiba)

Sur Editur,

Billi trid turina chemm jisua in-Nitrat tas-Soda, jena dana cul fein ippruvaitu hatt risultati taiba ferm, u bil thema li nibka nati fiz-zmien li gei.

U bhal ma ghallimtna inti, jena uzait il bexx tal patata bil cupru, u dejjem tani risultati taiba ferm, imma din id-darba izied u izied. Issa din is-sena tant chemm ghandi fiducia fih, fettilli imbixx il patata tax-xìtua, u bexxeita fit-18 ta Novembru, u u tenneita 15 il giurnata uara, dina ghalka ta nofs mott, kgheda ghat-triek, cul min ghaddei culhatt jithac bija u jatini xi vot, ghaliex jidrilom li tax-xitua ma ibexxuiex, u jena ngheidilhom nippruvau, u ngheidlec li bexxieta tant chemm cont ippassicnat u tant chemm ghattilna int biex inbixxugha u nizzuchair l'Alla li dina il patata fil cors tal mell bakghet ciara, u sal giurnata tal lum ghada mhux hazin (ghaliex issa seira bix-xiuhija) u biex natic idea mill'ahhar li nista, ngheidlec li baka 15 fil 100 mill faxxina tahha, u iz-zocc ghadu shih collu. u nispera jecc ma tcunx xi disgrazzia, trid 12 il giurnata ohra biex tcun capaci ghal klieh, mentri halleit xi kasba u nofs quadru ma cull hait ma bexxeitux biex nati prova stait klaitu 20 giurnata ilu, imma ma klaitux biex nurieh lil culhatt!

Issa ngheidlech illi daun l'inhaui, culhatt fehema chemm jisua il bexx, u culhatt ippreparat biex jixtri il pompa u ibixx.

Fost it-tghalim illi kighed tghallimna nitolboc tibka bhal kabel tirricmanda ferm il bexx, u chemm jista icun kabel ma tider il marda, ghaliex la tithol il marda collu ta xein, ghaliex chien haun min bexx tard imma bexx ghall xein, imbghad dana it-tali imur jgheidlec u billi tbixx collu ghal xein. U b'hecc itellef lil hattihor.

Sur Editur nitolboc toghddni deijem phala uiehed mil hbieb tighec tal Bidui u tal karreija tighou. Jena is-serv fidil tighec

LORENZO ZAMMIT
Via Valletta No. 16
Micabiba.

*
* *

## JUANN MAMU DUAR "IL BIDUI".

Sur Editur,

Illum irrid infisser x'gid jista jaghmel dan il Periodicu "Il Bidui" lill dac li jati contu u ifittex li jakrah bid-dehua.

Kabel ma cont naf b'dan "Il Bidui"— chien ghadu giurnal—cont ircevejt copia bhalma ircieva hadtiehor. Ghall euuel ghedt "Dan ma jghoddx ghalija: bidui m'eniex! ma irridx nitlef zmien," però bdejt nakra. Xi huejjeg bdeu jinteressauni, bhallichiecu pagina fuk it-tabacc, jeu fuk id-demel artificiali x'jista icun; imbghad krajt il pagina fejn tavża bil competizioni li offra l'Editur, thajjart nicteb, bdejt infittex f'mohhi x'ghandi nicteb, sibt; imbghad bdejt nistharreg il xi bdieua u nara x'ighìdu fuk din jeu dic il hagia, bdejt nidhol iżjed il genua fl'interess u fl'ahhar kbadt nicteb. X'giara? gejt it-Tieni u hadt arloġġ!! Iż-żift! ghedt f'kalbi, domt nicteb tant ghal gid tal poplu u katt ma hadt hlief xi harsa cherha jeu xi xoffa mdendla, u f'dan mill euuel hadt hagia li turini il hin!—Irgiajt ctibt ghat-tieni darba, u hadt l'Euuel (ciurchett tad-deheb). Issabrec, hej! – Irgiajt u irgiajt.

Dhalt fl'interess hecc cbir li bdejt nakra u nakra u nicteb; bdejt sahansitra, mbghad, nithadded mal bdieua, immur fir-raba tghahom, niżra u nipprova, nittanta infhemhom x'gid jaghmel in-Nitrat tas-Soda: minn fhemni u minn lè; minn dahac, u minn fhemha li id-dinja m'ghadhiex li chienet: haun mezzi giodda biex tghin lil prodotti u li il prodotti huma bhal bnedmin li chif daun (il bnedmin) ghandhom it-tabib, hecc ucoll cull hagia hajja irid icollha it-tabib tahha li dan ghandu icun il bidui stess

Intant. Bdejt irrid naghraf il ħxejjex, kabditni chilba, leblieba: bdejt nistaksi lil ġbdiena "dın x'isimha u dic x'inhi," insib li għajr lit-tfiefa, lil ħubbejża, lil giargira, lil ingliża, u xi tużżana (?) oħra ma daun bdejt ucoll nirricorri għal cotba. Imma issa billi nirricorri għal cotba, jecc lil ħaxixa ma naghrafhiex fl'art?? Fittex u kalleb fli stampi ta ħxejjex, u giannat minn hau u tchixxef minn hinn, fl'aħħar sibt ruħi li naf u naghraf il ħxejjex tal moghxa daks minn jaghrafhom haun Malta, u iżjed mill bidui (ħaddiem ir-raba') li ma jafx ħlief (nisthi nghid) xi tużżana u nofs mill mijet, u il bkija tal ħxejjex l'oħra, collha ħżiena u salvaggi! għalih.

Illum, meta noħroġ fil campanja kalb ir-raba; sirt inħoss ruħi li kiegħed fil Genna tal Art, nitpaxxa b'dac li nara u nifhem. Inħoss fija għaxka fin-Natura, inħoss li jen sultan insaltan fuk l'oħrajn li ma jafux, naghraf iżjed l'Alla fl'eghgiubijet tiegħu li tà għal ħtiegia tal bniedem. Sirt nibża nirfes ħaxixa għax naf u nifhem x'inhi.

F'uakt l'incun miexi fir raba' moghxi nieħu dac il gost, nitpaxxa, billi naf dic il ħaxixa x'virtù fiha—għaliex fetħilli ucoll l'irrid naghraf il virtujet bħallichiecu suppost li jen m'għandix biex nghakkad, cioè it-tames (presame, *coagulum*), immur infittex il kakoccia tax-xeuc (*Cynara cardunculus*), jeu lil ħalib it-tina, duccara (tal *Ficus carica, Caprificus*), jeu lil giargir-il-gemel (*capsella bursa pastoris*) u xi tużżana oħra ma daun. B'daun nghakkdu. Dan hua esempiu. Issa bħal daun sirt naf bil kabda.

U hecc sirt niddiletta li naghraf lil ħaxixa, x'isimha bil Latin biex incun nafha bl'ilsien li biħ maghrufa mal għorrief collha; naf il virtù ta bosta, ecc. U billi ħagia tiġbed lil oħra, min ħabba hecc sirt nifhem l'għaliex l'alkali, il caustici, il carbonati, ecc. meta tħallathom jaghmlu certa azioni tal għageb, għaliex il ħalib isir giobon bl'azioni tal microbi, għaliex oggetti li m'għandhom xein x'jaksmu ma ħagia tirgha isiru sapun, u hecc jecc nibka sejjer, ma iservux il folji collha tal "Bidui".

U min hu il ħtija ta dan it-taghrif collu? "Il Bidui", "Il Bidui", "Il Bidui. Akrauħ, immela, tegħmuħ, studiauħ, u kisu li hu icun il mezz biex timxu iżjed il kuddiem f'taghrif il ħajja.

JUANN MAMO.

*

* *

## X'CHITBILNA GIAMMARI' MANGION TAL MOSTA.

*Ftit loqom għal bdiewca jew dilettanti.*

Iz-zabra tad dwieli tnıd iz-zmien tagħha. Id-dwieli sa żmien iż-żabra jidru għerjin, iżda li jkunu mgħotija l-kupru kif imiss jafu jżommu l-weraq sa qrib żmien iż-żbir, għax l'effett li jgħamel, hu kbir tassew, għax mhux biss li jilka l-marċ mill pjanti, iżda tant jissaħħu li għax iż-żmien jgħamel tiegħu il werak jaka.

Iż-żmien taż-żabra għandu jibda għal ħabta ta nofs Dicembru biex fid-dwieli massirx ħsara; xi ħsara? Min xħin id-dwieli jibdew juru r-rimi sa jinkata l-frott, ikolhom ħafna pumpjar ta tira (ilma maħżun fil ħamrija) u b'hekk il vini jitwessgħu u jridu żmien ta' lenkas sa Dicembru biex jitlaħħmu, għalekk, meta wieħed jiż-bor malli jagħkta l-frott jgħamel ħażin, għax il colpi li jħalli fis siġra, jkunu b'vini miftuħa; u in-nida, u x-xita u l-arja jid-difsu fil vini u jmarduhom.

Nerġgħu: għal ħabta ta nofs Frar jibda dan ixxogħol mhux iżjed tajjeb; għax kif il Proverbju jgħid: "Frar kull xitla bli-nwar" id-dwieli, jibda jiġri fihom id-dmugħ (id-demm tagħhom) u jwessgħa l-vini; għalekk, il kolpi li jsiru ma jistgħux ifiku, u jdumu jdemmgħu żmien; minħabba f'hekk, jekk tibka xi dielja bi żball min-għajr mizbura, wieħed għandu jistenna sad-dwieli jarmu u'r-rimi jikber gmielu; inbgħat jista wieħed iħaffef kemm jista, għax issa kagħda oħra; iddmugħ hemm minn min jinġibed; għalekk isir irmundatur.

Ix-xgħir kif jidher fiż-żbula ma jixbaħx lil tal kamħ; il kamħ icun fill fożdok, iżda ix-xgħir billi fiż-żbula hu għeri lesta ektar biex jilka l-ħsara, u biex din tcun imwarba. meta jcun wiekaf (żaragħ) u u mwassal għal ħsad, għandna nfitxulu għodwiet tartuba wisk iżjed milli nfitxu għal kamħ.

Mindud iż-żaragħ u msawwar f'għamar; jasal ħinhu li jintrabat. Dan il ħin mgħandux icun f'wakkgħet ix-xemx. Jidgħeddes inbgħat f'catasti ta 30 jew katta (tlitt iħmiel jew ħimlejn) u fl-ekreb ħinijiet isiru t-tabi biex jinġarr fejn il post tad-dries (il kiegħa) u jintgħamel ħalla f'waktijiet rotob, għax, jech iżżbul jisħon issir il ħsara.

Iż-żaragħ tax-xgħir barra l-frott, fih il kasba li tiswa għal mifrex; iżda biex wara d-dries joħroġ ittiben, xgħir u sifa chif titlob is-sengħa, inħtieġ ftit għakal biex ma jinħiliex il gid li Alla jibgħat, u l-għarma tax-xgħir tcun complita, jinħtieġ li jinxteħet lewwel nett il katt fuk il kiegħa, jinħall u jitferrex f'għoli wieħed ma cullimchien, u jsir il kies biex fl-għodwa tax-xogħol dac li jinxteħer jilħku l-bhejjem li jirtmaw jillestuh.

Id-dries għandu jsir firtuba, u jech tissocta sa fil għaxija jista jsir listess xogħol wara nofs inhar, igifieri: jista wieħet jixħet għal terħa (xeħta) oħra wara nofs inhar, iżda ħin ix-xemx aħjar li jinżamm barmil ilma biex cultant inroxxu ftit fuk iż-żaragħ biex ittiben ma jitfarracx; għax dan (iż-żaragħ tax-xgħir) sa millewwel xogħol irid irtuba biex jiġi sewwa, il għaliex il kasbija tax-xgħir biex issir tiben tal oħxon, trid biss minn sakajn il bhejjem li tinsaħak ftit; u jech tisħon ix-xemx tibda titkattgħa. Iż-żbul mgħandux bzonn sħana, għax firtuba xħin jirtifes jinbasku x-xgħiriet u jibdew jersku lejn il kiegħ.

Għal dan ix-xogħol, għandom jirtmaw cmieni (il bhejjem) u fissewkan jiġu mmexxija li jilħku ma culimchien xorta waħda, u malli ż-żaragħ jitwitta u jitgħaffeġ ftit, — blimdieri jitkalleb — u nibkgħu hech cull xħin jitwitta sa sebgħa taklibiet, u li cull darba jitħalħal tajjeb biex ixxgħir jogħdos fill kiegħ u jech jibka xi żbul intuha takliba oħra u nżarmaw il bhejjem.

Għal ħruġ it-tiben u ngħamluh gozz il barra mill kiegħa, għandu wieħed jakbad midra, biex biha jakla t-tiben u jħalhlu b idejjom u jħaddnu chemm jistgħu biex joħorġuh u hech jinkixef il kiegħ. Dan il kiegħ tax-xgħir għandu jidgħeddez u f'riħ li jolkot inxekkuh biex joħroġlu s-sifa li fih; inbgħat, jirtmaw il bhejjem biex jitħassel, u kabel jitchissru d-dnub tajjeb mgħandomx jiżżarmaw il bhejjem; nerġgħu imbgħat inxikkuh, u malli nillestu nakbdu ngħadduh mill għarbiel biex neħdulu l-karfa u nerġgħu ftit ftit nixtuh f'għarbiel irkik biex neħilsulu t-trab, u minnu nitfgħuh f'għarbiel b'tokob eħxen (dan l'għarbiel jgħidulu tax-xgħir, icollu tokob eħxen minn tal kamħ) biex jinzel ix-xgħir u fil għarbiel jibka ż-żwiel u hech tissawwar l-għarma.

Il Proverbju jgħid: "Il musmar il ġdid jakla l kadim". Hech hu: cull ħaġa ġdida kerdet il ta' kabila; u għalech, minħabba d-dwal ġodda, ftit u xejn għadu nfittex il ħatab, u l-lum ma tismax min igħid; inħawwel issiġar għal frott u ħatab — għal zeuġ bzonnijet. allura jcun li s-siġar jonksu ħaga m'hi xierka xejn li Malta tiscarsa mis-sigar (l-ectar tal frott minħabba fit-tgħoma tajba) izda l-ħtija m'hix dejjem tal bidwi; għax, spiss xi bdiewwa jiġu mwissija min bdiewwa bħalhom, biex ma jifirxux sodda għal ħattieħor; igifieri, li ma jħawlux siġar fejn m'hux tagħhom! u dawn it-talin jibdielhom u jzommulech l'imħabba lejn is-sigar f'kalbom.

Ix-xtieli jridu l-art għal zmien sa jitrabbew; allura, mnejn safejn wara li l-bidwi rabba x-xtieli jatuh issensja u jitħallas tagħhom b'ħatab lectar li ma jiswiex? din ħaġa raġunata għal min iħalli? Min isib igħid: raġuni! u jech is-siġar naklaħhom x'jiswewli? raġuni jech jgħamel dan! iżda l-ieħor jaf hu chemm għelejjel tilef, u xi ngħidu chemm igħergħer u jwiddeb lil ħattieħor li ma jgħamilx bħalu? u hech Malta.... ma tgħaddix il kuddi m.

Il gzejjer tgħana l-lum jinsabu maħcuma mix-xogħol; bosta raba jinsab franch għand il bdiewwa u jħawlu jech jogħġobom cull siġar li tixtiek kalbhom u raba ieħor m'hux maħdum minn sidu. Dan issid jista jati r-raba tiegħu b'cens; meta jatih b'cens jitilfu għal dawch is-snin u jibkalu dritt għal xi pattiet imniżżla fuk l-att. Il bidwi jara chemm irid jech jakbillux li jħawwel xi sigar u jiccura għal tul dawn is-snin. Jech jakbillu u

jhobb ihawwel ghax tieghu u hatt ma jakelghu kabel izzmien; ghalech, b'cens huwa rajjeb; izda mhux culhatt irid, u m'hux culhatt jkibillu—u enkas ghandhom jintghamlu ligijiet fuk hech—ghax hatt ma jaf jech wara li jcun ta b'cens ir-raba, tigihx xewka li jahdmu hu jew jaka fil bzonn li jzommu taht idejh; imma, ghanda s-sir hag'ohra li l-culhatt tinghogob u l-culhatt tiswelu, u Malta ectar tizdied bis-sigar.

Min kieghed jistudja jara hux sewwa hech:

Min jati b'cens izomm il pattijiet li joghgbu fuk l'att.

Min ikabbel jghamel is-soltu; izda min jitkabbel u tigih ix-xeuka li ihauuel xi sigar, ghandu imur ghand sidu u igheidlu; tippermettilix li nhawwel mit-tali sigar fil ghalka tieghec? (u jissemmew is sigar) jech is-sid ma jghogbux hatt ma hu sidu izda jech jghogbu li jhawwel xi sigar milli semmielu, ghandu jgib il bidui li scritt ta l'ircevuti u fuku is-sid jicteb chelmtejn li jura li hu cuntent "li jithawlu it-tali u it-tali sigar fir-raba tieghu u jilka li jithallas f'cull zmien stima jew ftehim bhala beneficati il frieghi collha mhawla jew imlakkma scont il-ligi" jitkieghdu minn cull wiehed bolla b'isimhom fuka.

Dan il fteh m bil mictub ghandu jidher jech icunu thawlu is-sigar mita jigi mchecci il bidwi inchella johrog jew jinbidel is-sid; ghar-raguni biex issir li stima jew ftehim fuk is-sigar scond il qualità, iż-żmien u is-sahha, jew humiex f'postom; igiefieri: bajtar tax-xewc irid ma dwar irziezet; frott irkiek fill chenn; harrub li jiflah jerfa il blat f'raba mahniex, sigra tfixkel ghal hidma jecc tcun fin-nofs wehida, go 'l hitan ma ghandomx jithawlu, u wisk irkakat li ma nokodx insemmi ghax ma nehles katt.

Il bidwi li jhobb, jibda ectar jiehu hsiebhom biex irabbu dejjem frieghi b'saffejn u jiscansahom mill mard chemm jista biex ma jitilfux cobor, ghax, jaf li l-hsara tcun ghalieh xhin jiftacar, li listima izjed timxi fuk iz-zmien taz-sigra, jigifieri, sigar ta sena b'cobor ta erba snin u ohrajn ta snin jew izjed b'cobor; ghalech, dawc is-sigar imzakka li jidru b'xi mard jew nukkas ta xoghol inchella zabra hazina jigu mghaduda b'hatab-u anchi sigar bhal bajtar tax-xewc jech jithallew imhawla la jghaddu ftit snin ma jigux mghaduda b'xitel, sigar tal harrub u żebbug li wara xi snin irabbu z-zcuch, jigu ucoll mghaduda b'hatab, id dwieli, laring u ta kabilu, u anche frott irkiek li jinzammu xitel bizzabra, katt m'ghandom jintghoddu b'hatab; ghax ghalchemm gew imghobbija f'hafna snin bill frott-b'dic iz-zabra ta cull sena li tintghamel b'sengha iz-zommhom imxettlin, ghalec, l'istima ghanda tcun fuk iz-zabra.

Sur Editur. Nahseb jien li jcun gid jech tinghogob il chitba tieghi, u l bdiewa li ghandom raba bill ksami ta sid wiehed jistghu jifthemu li r-raba jaksmuh bis-sigar, u cull wiehed jiehu djul is-sigar tan-naha tieghu, u jekk jcunu dwieli imejlu wahda cull wiehed lejhom.

GIO MARIJA MANGION.
36, Str. San Giovanni—Musta.

---

## CENTENARIU.
## NITRAT TAS-SODA TAL CHILI
## 1830—1930.

### Ahbar impurtanti ghal bdieua.

Chien f'il 1830 mita l'euuel quantità ta Nitrat tas-Soda telket mil Chili ghal Europa.

In-Nitrat tas-Soda jinsab biss fid-deserti tal Chili fein xita ma tghamel katt. Chienet tas-seu grazzia li dan in-Nitrat tas-Soda gie misiub, u il mod li bieh instab chien tasseu curius.

X'Indiani inzertau ghaddejja b'il-lejl min desert, u hem xaghalu xi torci biex jarau jimxu, u kabbdu fl'art xi hatab, izda bezghu m'hux ftit, x'hin rauu sriep tan-nar jigru mad-desert collhu. Sofor bil katgha, bakau miexia sa chemm uaslu f'leuuel rahal, fejn hemm dahlu fi Chnisia u irraccuntau xi gralhom lill Cappillan; dan fehem malair li chien hemm xi hagia importanti, u mall-

sebaħ mar maħħom biex juruħ fein chien giara il fatt. Chif uaslu, il Cappillan bierech il post, ha mimli xcora min dac it trab u gebel li sab hemm, irhiela milgdid ghar-raħal b'li speranza li jara x'chien fieħ. Fl'imchien ma ħabib tiegheu bdeu jisperimentau fuku u sabu li chien fieħ in-NITRAT TAS-SODA li chien uisk tajjeb ghal loghob tan nar. Il Cappillan chien kieghed dan it-trab li giabar f'rocna tal gnien tieghu u b'ghageb cbir sab—uara ftit granet—li IL HXEJJEX U IS SIGIAR LI CHIENU HDEJN DAC IT-TRAB, CHIBRU UISK IZIED MILL'OHRAJN, bdeu iħaddru bil gmiel u TAU FROTT UISK ISBAH. Dan chien il cagiun li compleu saru esperimenti cbar fuku, u b'hecc nstab li in-NITRAT TAS-SODA tal CHILI *hua demel famus ghall prodotti.* Min dac iz-zmien l'ħaun, il pajjisi collha bdeu igibu min dac in-Nitrat, u illum jccunsmau minnu fuk it-tliet miljun tunnellata fis-sena (3,000,000)!

Il bdieua taghna bdeu ucoll issa jifmhu li *minghair in-Nitrat tas-Soda ma jistaux jghaddu il kuddiem,* u hecc il consum f' Malta kegħed jicber gmielu. Cull min uza minnhu kghed jiftaħar bieħ.

Izda din is-sena, hi li ic-Centenariu tad-daħla tal famus demel Nitrat tas Soda fl'Europa, hi ghal bidui ta interess cbir.

Bħal ma tħadditna f'numri oħra ta dal periodicu, ix-xienza il-lum sabet illi il IODIU jghamel gid cbir lil ghelejjel u Sigar tal frott, ucoll lill'Annimali u il bnedmin li jeclu min dauc il frott u hxejjex. Il Cumpanija tan-Nitrat tas-Soda bdiet issa tħalli man-nitrat quantità ta jodiu li scont l'ghorrief jinħtieg għal pianti u dana minghair ma tgħolli il prezz tan-Nitrat.

In-Nitrat tas Soda tal Chili m'hux ħaga oħra ħlief sustanza ghal prodotti. Sustanza li bigha cull ħaxixa tcun xi tcun, ghanda bil fors tati prodott icbar u bil cotra. Barra milli itic prodott 60 fil mija izied, u anchi ictar, *hu ilaħħak il prodott bicri.*

Aħseb ftit, fejn soltu tieħu 100 tomna issa tieħu **160**; *fein soltu tieħu 100 kantar issa itic 160 kantar* ! ! ! In-Nitrat tas-soda bħal ma jghallmu bosta ghorrief ghandu itic minn 25 sa 60 fil mija *izied. Izda dan m'hux collox* ! In-Nitrat tas-Soda ilaħħak prodott bicri, *u 'l bdieux jafu tajjeb x'ifisser prodott bicri.* Prodott bicri ifisser FLUS IZIED. Barra milli itic prodott ictar *hu itic prodott bicri!!!* Xi trid izied? Dan m'hux bizzejjd ! Barra milli itic *podott icbar, prodott bil cotra u prodott bicri,* In Nitrat tas-Soda tal-Chili, (li il-lum l'ebda bidui tad-dinja ma ignokod minghairu) itic prodott b'saħtu. prodott li icun jiflaħ ghal mard uisk izied, naturalment, min prodott debboli.

Ejja nieħdu esempiu ir risultat li ħa is-Sur John Briffa M.B.E. Direttur tal ghalka Sperimenta (f'Hat-tard) tas-"Società Economico Agraria".

Fi prova id-direttur tal ghalka sperimentali tas-"Società Economica Agraria" ghamel sieħ u nofs raba Patata minghair Nitrat u sieħ u nofs jeħor b'in-Nitrat tas-Soda u ir-risultat chien ħecc: —

Fejn chien minghair Nitrat tas- Soda ta 313 ir-ratal Patata

Fejn chien B'in-Nitrat tas-Soda ta **541** Ratal Patata.




Jigifiri, f'sieħ u nofs raba fejn usa in-Nitrat tas-Soda, it-tieħed **228 Ratal Patata izied** milli ittieħed min fejn chien bla Nitrat ! ! 228 Ratal Patata izied f'sieħ

u-nofs raba ! Aħseb ftit chemm tieħu patata izied inti, chiecu tuza in-Nitrat tas-Soda ! M'hux dan biss, u chemm takla figha izied, m'hux biss taz-zieda fil pis, izied talli tlaħħaka bicri fis-suk !

M'hemmx ghalfein uieħed jghokod igib hafna risultati ; lisbaħ li icun mita *tara b'ghajneich u tmiss b'idejch.* M'hux biss târa u tmiss il prodott, izda anchi tmiss u tara il *klieħ izied l'iddaħħal miz-zieda li itic in-Nitrat tas-Soda tal Chili!*




## ID-DUIELI

*L'effett tad-demel artificiali*

Id-dilia tgħeix b'saħħita biss fi trab ghani u tajjeb li ma hux niekes mis-sustanzi meħtieġa.

Cullħat jaf li biex uieħed jeħu min dilia ħafna gheneb u tajjeb, hemm bzonn li id-dilia tcun giet il kuddiem chif imiss u jinħtieg ucoll li issib fit-trab sustanzi biz-zejied li tcun tista teħodhom *fil uakt li tcun kgheda ticber.*

Dan collu ma jistax isir jecc l'art ma tigix imdemmla seuua u chif imiss.

Saret prova fuk zeuġ duieli qualità "Riesling." Dauna ġeŭ imħaulin f'żeuġ ksari u ġeŭ imdemmlin seuua. Barra min dan id-demel, uaħda mil ksari giet ucoll mghotija 16 il gramma NITRAT TAS-SODA u l'oħra ma taugħa Nitrat xejn, biex jarau seuua id-differenza li jati in-Nitrat. Ir-risultat chien dan :



Il Pianta b'in-*Nitrat tas-Soda* tat:

2,470 grammi *Gheneb*
581 „ *Hatab* (niexef)
283 „ *Uerak* ( „ )

Il Pianta ta *minghair Nitrat tas-Soda* tat;

308 grammi *Gheneb*
310 „ *Hatab* (niexef)
138 „ *Uerak* ( „ )

(800 gramma jghamlu Rata. Malti)

IL PIANTA LI GIET MGHOTIJA IN-NITRAT TAS-SODA TAT TMIEN DARBIET IL GHENEB LI TAT L'OHRA TA BLA NITRAT!

---


## "EXPORTATION-IMPORTATION"



**Rivista Mondiali, tohroġ cull xahar, fondata fl'1917**

**CUMMERC — INDUSTRIA — AGRICOLTURA.**
**10, Rue Saint-Roch, 10**
**PARIS (1er)**

Domandi min ghand neguzianti ippublicati f'dan il giurnal b'xejn. Informazionijet jigiu moghtija ta Fattorji Francisi.

L'ufficicciu u in nies taghna jigiu mkgheda ghad-disposizioni ta dauc in-negozianti li izuru Franza u ratu cull assistenza meħtieġa.

Cull ħargia tal giurnal "Exportation-Importation" figha informazionijet importanti fuk ħuejjeġ li jintghamlu fi Franza.

Sottoscrizioni ghal sena (12 in-numru 80 franc).

**Copja campiun tintbghad lilech b'xejn.**

(Semmi IL BIDUI meta tictbilna).




Peppi u Toni.

--

P —X'hemm Ton, feina rasec.

T —Haun aħna x'ghanna mil ġdid.

P —U x'ghanna.... ghanna.... ħallini Ton ... ħallini.....

T.—X'il mnighel ġralec, x'uiċċ duejjak ghandec il-leila.

P — Uiċċ. u'l but it-tnein imdeikin! xi trid tghamel ! .. sena ghar mill' oħra......uiċċ bħal dac ta patata marli bħal leħħa ta berka.

T.—Jen m'hux nghadrec imma nitħassrec !

P.—Int dejjem li stess bkait !

T —Bkait li stess int Pepp ! Imma ħallina min dan, aħna ma 'ntkainiex biex niġġildu. Il patata marritlec, u tmurlec tibka, cul sena sa chemm ma tismax minni u tbixxa bil mistura chif jinħtieġ.

P.—U tghaid chiecu bixxeita m'hux xorta chienet tmur ?!

T.—Chiecu bixxeita ma chienet tmurlec xein. Ghara ftit ta Carmnu chemm bghakat tħaddar, u xi ġmiel ta frott kghed jakla.

P.—Min daks hecc iva. Dac juza in-Nitrat tas-Soda ucoll !

T.—Hecc hu ! Jinħtieġ li dina tifima, u tifima darba u ghal dejjem. Il Bexx tal patata jinħtieġ li tieħdu bħala *biċċa mil cultivazjoni taħħa*. Bixx il patata bil mistura Burdulisa, u tigha in-Nitrat tas-Soda chif jinħtieġ.

P.—Darb'oħra icolli nghamel chif kghed tghaid int, Ton. Xi ħagia jinħtieġ nghamlu...... din m'hix ħajja, quasi quasi sfait bla sold dan li stagiun.

T.—Collu ħtija tieghec !

P.—Hallina min dan ghal mument, ghax irrid nistaksic ħagia Ton, ghandi ħammiela tuffieħ tadam, ix-xitel kghed jisuied miz-zocc u imut; x'inhi l'affari

T.—Mela ghandec il *mell tal ħmiemel.* Ghara x'tghamel Paul; ixtri ftit fuied tal cubrit (*Potassium Sulphide*) u deuueb minnhu ukija fi 3 galluni ilma u bixx il ħmiemel. Kabel tghamel dan ghakla u aħrak ix-xitel morda biex ma jicciapsux l'oħrain.

P.—Seuua uisk, hecc nghamel !

T.—Jisua lilech.

P.—Ilbieraħ cont ghand Indri, u urini ftit ħmiemel cromb collha minsusa b'dac il misħut berghut. Darba cont ghedtli x'ghandi nghamillu Ton imma inseit.

T.—Dac ghandec tbixxu mill'ectar fis bl'insetticida "Esa Champion" u tcompli tbixxu cull 3 tijem sa chemm tara li il berghut ma jidirx izied. Barra milli hu tajjeb ghall berghut, dac l'insetticida fiħ ucoll sustanzi oħra imkgheda scond ixxienza biex jilka u jeħles mard jeħor bħal m'hu il mell abjad u oħrain.

P.—Mnein cont ghedtli nixtrieħ Ton?

T.—Min ghand Bugeja ta Strada Forni il Belt.

P.—Indri talabni ucoll nistaksic ħaġ' oħra. Ghandu flieles li m'hemmx li jilbsu, u m'hix l'euuel darba li chellu flieles li itellghu rixhom uisk bil mod. Taf xein x'inhi l'affari?

T.—Cont kghed nakra dan l'aħħar li saru provi mill'akua nies li jifmhu fil biedia u daun sabu bħala rimediu it-*tintura tal jodiu*......

P.—Barra min haun....pintura.....

T.—U x'pintura tal mnighel! *Tintura tal jodiu* ghedtlec!

P.—Insomma. Allura x'tghamel tidlichom bigha?

T.—Le Pepp. Ifimni seuua. Hu mimli cucciarina *tintura tal jodiu* ħallata ma gallun ilma u tighom jixorbu minnhu l'euuel ħagia massebħ u......

P.—Eh!....Mela kghed titlef moħħoc!... Ha.... ħa.... ħai....hecc irid jisimech Indri...tghaidlu li trid tivvelenalu il flieles....ħa...ħa...ħaj....

T.—Kiesech ħagia belgha il-lum.'.....

P.—U'int kiesec ħiereg min wied-incita......

T.—Darba'oħra ma'ngheidlech xejn...

P.—Aħjar xejn milli iggiaghlni nivvelenalu il flieles!

T.—Il jodiu il-lum sabu li hu l'actar ħagia meħtiega ghall'animali; m'hux hecc biss imma esperimenti kghed isiru anchi fuk il bniedem u fuk il ħxejjex... .....

P.—U x'cull uaħda... ... ... u x'cull uaħda... ... ...

T.—M'hux l'animali biss zghar imma anchi il cbar ser jibdeu itughom il jodiu li jinsab f'diversi ghamliet... ... ...

P.—U x'cull uaħda... ...u x'cull uaħda... ... ...

T.—F'certi pajjisi b'ħal m'huma l'America u'l Germania il Jodiu sar obbligatoriu ma l'ilma u fl'Inghilterra u pajjisi oħra kghed jghamluħ fic-cicculata u ħelu jeħor ghat-tfal... ...

P.—U x'cull uaħda... ... u x'cull uaħda

T.—Sabu ucoll illi jech jghatu il jodiu f'parti zgheira lil ħxejjex, daun icunu actar b'saħħithom, izommu fighom il jodiu u cull min jecol minnhom... ... ..

P.—... ... imut zoptu ...

T.—Cull minn jecol minnhom icun kighed jeħu il jodiu fl'aħjar forma ghal bniedem u ghas-saħħa.

P.—U x'cull uaħda... ...u x'cull uaħda ... ...

T.—Tant sabuħ tajjeb dan, illi il cumpannija tan-Nitrat tas-soda kgheda taghmel man-nitrat parti ta jodiu li icun uisk tajjeb gharraba, ghal ghelejjel, ghal bnedmin u ghall'animali u ghalecc in-Nitrat kghed jigi uisk actar imfittex mad-dinja collha!

P.—U x'cull uaħda ... ... u x'cull uaħda ...

T. Insomma ifimni seuua Pepp, biex tcun taf chif ghandec ticcura in-nukkas tar-rix fittiur.

P. Ghara tgheidli xejn ghax sgur ma nippruvax Ton. Jen mar-ridc nicser ghonki ma 'ndri !

T.—Ghamel chif sejjer 'ngheidlech u tara chif jirringrazziac.

P.—Imma il jodiu m'hux velenu?!!!

T.—Meta tieħdu uaħdu, bla kies jeu bil uisk jaghmel ħazin, izda meta taghmel bħal ma ser nghaidlech, il quantità tigi zgheira u taghmel lil dauc it-tiur gid cbir; u biex

nippruvalech li ma jghamillhomx ħsara, nippreparalech it-taħlita u minna nixrob ftit jen.

P.—Ftacar li ghandech it-tfal Ton..

T.--Hallic mil vavati u iftaħ moħħoc ghal dac li tghalmech ix-xienza il-lum.

P.—... u x'cull uaħda... ...u x'cull uaħda

T.—Mela ghedna tieħu cucciarina *Tintura tal Jodiu* u ħallata ma gallun ilma nadif u ghati lil flieles jixorbu minnhu l'euuel ħagia fil-ghodu. Jech icolloc bzonn it-tighom izied ilma mal giurnata tighom ilma pur. Compli din il biccia, u int tara chif fi ftit granet il flieles jeħdu saħħithom u jilbsu malair.

P.—La kieghed tas-sigurani nipprova Ton... imma...

T.---Hallic mill'imma! Dac li ngheidlech jen ghamlu minghair dubiu ghax chiecu ma ncunx zgur minnhu ma ngheidulecx!

P.—Mela ghat *tintura tal iodiu*. Saħħa Ton...(u x'cull uaħda...... u x'cull uaħda......)

T.—Saħħa Pepp.

---

## IL KOTON TA SUFA TUILA.

Mil Prof. John Borg, M.A., M.D,
Suprintendent tal Biedia.
(Mill Ufficiu tal Biedia)

Il bdieua taghna ilhom jizirghu il koton sa minn zmien il Fenici, u sa minn dac iz-zmien l'insiġ tal cotnina ta Malta chien imsemmi ma cullumchien. Il cotnina ta Malta chienu iriduha uisk ghal kluħ tal bastimenti tant fi zmien il Fenici chemm ucoll fi zmien ir-Rumani, l'Ispanjoli, l'Ordni ta San Guann, u sa ftit zmien ilu, chienu ghadhom isiefru cull sena ħafna cotnina ta Malta ghal postijet tal Lvant. Il koton ta zmien il Fenici hua dac stess li ghadu jinzara il-lum f'Malta u l'izjed f'Ghaudex, u l'isem tighu botanicu hu *Gossypium herbaceum*. Imma dan il koton sar iħobb jimrad uisk billi jiscalda minn fuk il gheruk u din il marda ilha gejja minn fungu rkik *Fusarium* (Neocosmospora) *vasinfectum;* taħdem fuk ix xtieli minn ftit ġranet uara li jinbtu sachemm jaslu biex imaxxtu u jizahru, u jidher l'izjed fuk il koton mizruħ fir-raba tafli u grass. Ghalhecc minn ftit taz-zmien l'haun, tant f'Malta chemm f'Ghaudex, u l'izjed fir-raba tafli jeu grass, il bdieua keghdin jizirghu il koton ta Gallipoli li ghandu il uerak mhux hecc imkassas bħal koton ta Malta, u jaghmel zahra bajda tati fl'isfar u fil ħamrani, u l'isem tieghu hua *Gossypium hirsutum*. Dan il koton hua ghammiel u bicri bħal ta Malta, u bħalu ghandu is-sufa kasira, u ghalhecc il koton ta Malta ma ighoddx ghal fabbrichi ta barra, u ma jgibx prezz tajjeb bħal koton tal Egittu u tal America, li ghandu sufa tuila. Xi ftit minnu jinħadem fil gżejjer taghna, imma biex naħdmuħ irridu nġibu minn pajjiż ieħor it-tajjar ta sufa tuila, biex icollna il ħait jeu mghazel ghal medda, ghaliex ix-xokka maghmula collha mit-tajjar ta sufa kasira ma fihiex saħħa, u ma tinħademx.

Chien ilna żmien tuil nippruvau biex indaħħlu fil pajjiż xi razza ta koton li jaghmel sufa tuila, li jitfittex izjed fil cummerċ, u jinħadem aħjar. L'euuel ma ippruvajna chien il koton fin "Sea Island" li hu l'aħjar koton tal America. Imma sibna li dan il koton ma isirx seuua minghajr tiskija, u ghandu difett cbir li juaħħar biex jilħak, idum jiżhar, il geuż idum ma jilħak biex jinġabar, u dac il li jiddauuar uisk ma jilħak ghal biex jindamm jeu jinġabar, actarx li jitħassar bix-xita u bit-temp umdu tal ħarifa, u jibka biex jintilef ghal collox. Hecc ucoll il koton ta sufa tuila tal Egittu, bħal ma hu il Mitafifi, in-Naubari l'Abassi u il Gordon Pasha, jituaħħru bħal koton "Sea Island", u bħalu iridu l'ilma, u m'humiex tajbin

ghar-raba baghli, ħlief forsi fejn hemm art minnha tajba u frisca. Dan l'aħħar ridna nippruvau il koton fin tal Egittu li jismu Sakellaridis. Dan hua is-sultan tal koton, u igib prezzijiet tajba uisk ghaliex ghandu sufa tuila u fina uisk li donnha ħarir Dan il koton hu ta leun safrani ċlekk u ta sufa tuila u fina u soda. Isir tajjeb fl'art taghna, u ma jituaħħarx daks l'oħrajn, imma jitlob is-sakui biex iseħħ chif imissu.

Tasseu li din tas-sakui ma nafx ghaliex il bdieua taghna ghadhom ma daħħluhiex f'rashom. Malli il bidui icollu l'ilma biex jaghmel is-sakui, icollu ġenn biex jaghmel l'ghelejjel ghas-suk. Imma s'suk taghna hu suk żghir uisk, u bosta drabi jiġri li il bidui, uara li icun nefak flusu u ħallas gharku, bilchemm jiġbor minn ghand il pitcal biex iħallas il kbiela, ghaliex is-suk tal ħaxix icun fgat ghal collox. Dan ifisser li kghedin jaghmlu ħaxix ghas-suk actar milli jiflaħ is-suk taghna, u biex tara chemm hu hecc, biż-żejjed li uieħed imur sa Ghajn Riħana u il Puales u bnadi oħra fen hemm ħafna sakui biex jara li ghal cjll tomna raba sakui tal ħaxix ghal guand il pitcal, hemm xi ghaxart itmien phtata tal ilma (seu tas-saif u seu tax-xatua), jecc il patata taghmel baxx jew il uiċċ jimrad u ma jitlehidx seuua, il bidui jibka biex jitlef ix-xoghol tieghu. Dana ma jiġrix li chiecu il bidui jidra jrabbi xi uiċċ ieħor fis-sakui minnfloc il ħaxix żejjed li ma jiflaħx ghalih is suk; u fost l'uċuħ li jistghu isiru fis-sakui, u jatu prodott icbar mill prodott tal baghli xi darbtejn jeu tlieta, nistghu insemmu il koton. Innaħa tal-Kammieħ ħabtu xi bdieua jizirghu il koton fis-sakui, u ma ħabtux ħazin, imma billi dana hua uzu ġdid, il bdieua jitmezimzu ibeitu fir-raba' sakui uicc li soltu jittieħed mir-raba' baghli, u hecc dan l'uzu sabieħ tal bdieua tal Kammieħ, ghadu ma xteridx biz-zejjed.

Min xi sitt snin 'l haun ippruvajna ħafna il koton American "*Upland Long Staple*", li koton abjad, ta Sufa tuila u fina, u li jsir fil baghli bħal koton taghna, u ghammiel izjed minnu, u ghandu s-sufa tuila, u gha!ec jitfittex fis-suiek ta barra. Aħna kassamna ħafna zerriegha ta dan il koton kalb il bdieua f'Malta u f'Ghaudex fein soltu jinzara dan il prodott, u ma nafux ghaliex dan il koton ma ghandux jinghoġob u jinzara minfloc il koton ta Malta u l'koton ta Gallipoli. Dan il koton 'Upland Long Staple' ippruvajnieħ ucoll fis-sakui, u tasseu mar tajjeb. Ix-xtieli gholeu minn xibrein sa tlieta, zahru bicri u ntleu bil geuz, li beda isir u juri il il bjad min cmieni, u uasal biex jindamm kabel ix xita, u ma chienx fadal ħlief x'erba ġeuziet imuaħħra ghal ħrug Settembru.




## ISMA L'AHJAR BLIET GIO DAREC STESS.

L'icbar invenzioni li katt saret f'id-dinja chienet dic tar-"Radio", li permezz tieghu tisma gio darec stess l'isbaħ operi li isiru f'Teatri u stazionijet ta l'akua bliet tad-dinja. M'hux biss hu passatemp sabieħ, izda hagia li llum *hatt ma jista jgħokod minghaira.* Barra mill'isbaħ operi, operetti, Jazz-band, orchestra ecc. u aħbarijet tad-dinja collha, inti tircievi min fuku l'ezzionijet tal lingui u bosta ħuejjeg oħra mill'akua professuri. Min hu dac il missier li tasseu jixtiek jeduca l'uliedu u li jixtiek izommom onestament li ma ifittix jghamel uieħed min daun l'istrumenti gio daru?

Fi qualunque hagia kies izda li icolloc sett modern, u biex tixtri l'ahjar *u l'orhos* mghandecx tghamel hag'ohra hlief tasal casla sa ghand "RADIO LYRE" *207 Prince of Wales Rd. Sliema,* fejn il proprietariu, is-Sur Borda, itic cull informazioni li tinhtieg.







IL FAMUS DEMEL

# NITRAT TAS-SODA

TAL-CHILÌ

Jinxtara min ghand:

MALTA.

| | |
|---|---|
| G. M. BUGEJA & Co. | IL BELT<br>25, Sda. Forni, |
| MICHELE MIFSUD, | SLIEMA.<br>62, Sda. S. Vincenzo, |
| P. MIZZI (AGIUS) & SON, | BORMLA.<br>13, Sda. S. Margherita, |
| FEDELE SPITERI, | GUDIA.<br>23, Sda. Reale, |
| A. ABELA, | C. DINGLI.<br>19, Sda. Parrocchiale, |
| S. MIFSUD, | MOSTA.<br>134, Via Congr. Eucaristico, |
| GIUS. MUSCAT, | C. CURMI.<br>378, Sda. Reale, |
| GIO BATTA SAMMUT, | BIRCHIRCARA.<br>115, Sda. Vallone, |
| GIOV. MUSCAT, | S. PAUL-IL-BAHAR.<br>26, Sda. Reale, |
| FRANCESCO GRECH, | RABAT (MALTA)<br>36, Sda. Vecchia Doni, |
| GIUSEPPE CAMILLERI, | MARSASCIROCCO E ZEITUN;<br>37, Via Zeitun, Marsascirocco |
| EMMANUELE FARRUGIA, | KRENDI.<br>23, Sda. S. Salvatore, |
| CARMELO AQUILINA, | SIGGIEWI.<br>Sda. Parroco Vicolo I No. 10 |

GHAUDEX.

| | |
|---|---|
| F. MASINI, | C. CACCIA.<br>88, Sda. Marsalforno. |

**Il Cumitat li johrog dan il periodicu mghandux x'jaksam ma'l beih tan-Nitrat tas-Soda, u dauc collha li ibeighu minnhu jista icollhom isimhom f'din il-lista B'XEJN.**

Ludovicu, Eusebiu, Agapitu, Bernardu u Chantal. Dina il familja chienet proprietaria ta bosta ghaliki, chellhom taħħom imrieħel cbar ta bakar, gniedes, zuiemel, ħmir, moghos, naghaġ u iġmla, u min dana collhu u bakaghalhomx ghajr bakra uaħda biss. Igifieri, ghadda min fukhom, dac collhu illi jena digià fissirtlek. Sa ftit ġranet ilu chien ghat bakghalhom zeug t'iġmla u billi uaħda minnhom chienet tatihom il ħalib setghou ma imutux ghax ma tul il giurnata chienu igħadduha jeclu il ħaxix salvaġ, u cull tant chien jirnexxilhom jakbdu xi fekruna tad-desert. Izda xġara ghalbiex actar tinghakad il biccia, uaħda mil igmla, dic li chienet tatihom il ħalib, kielet xi ħaxix ħazin ghaliha, u giet biex tmut. U huma ghalbiex ma jitilfux collox katluha u ftehmu, kabel ma jitilfu collox, biex bil ghainuna tal laħam ta din il bhima li chienet l'aħħar ghainuna taħħom, jitilku min pajjishom u ificciu jilħku xi inħauui oħra u aħjar, u biex ħatt ma icun jaf bil fehma taħħom, u hecc il biccia tigi imfixkla min nieshom stess, bdeu biex inħbeu u imbghad telku ghal lonk it-triek, mal giurnata chienu jinħbeu ġol muntanji u bil-lejl ifitċċu jimxu il kuddiem. Izda mal bkija ara xigralhom: mela ghodua uaħda xi nies oħra flimchien mas-suldati chienu kgbèdin ificciu l'iġmla taħħom, ġhaliex chienu serkuhomlhom; hecda chif lemħu ix-xbiha tar-riglein min taħħom fil uicc l'art, telku jimxu urajhom, u sa fl'aħħar laħkuhom, u billi sabuhom bil gemel maħħom u bil laħam ta l'ihor, dlonc ħasbu illi chienu chiexfu il ħallelin li chienu serkuhom, u f'chemm ilni ngħeidlec kabduhom u ħaduhom kuddiem l'imħallef; Alla ried illi ix-xjuħ tal pajis chienu jafuhom, u jafu li huma familja tajba, gharfu ucoll il gild tal gemel u ghalecc ġeu meħlusin.

"Uara dina l'aħħar ġraija ta tixchil ziedu jimxu ghal xi ġranet oħra, bil ghainuna tal ftit tal-laħam li chien bakghalhom u tal ħaxix salvaġ, u irnexxielhom ucoll fuk it triek ipartu il ġemel ma bakra bil ħsieb illi tcun tista actar takdihom; u Alla illum uassalhom haun uara il bieb tghana. Nixtiek li inti cont tcun tista taraħom b'ghajneic dauna id-disgha minnies, jena sgur li kalbec chienet tintafas xhin taraħom jeclu il ħaxix mixħutin fl'art. Dauna huma il miserij illi in-nies it tuajba ta Malta jistghu jgheinu permess tighec".

Sa haun il Patri Irénée, izda ngheidu aħna, jecc il Missionariu bil chemm ghandu ghalieħ, chif jista icompli ma dan il bzon ta l'oħrajn. Chemm u veru dac illi darba uaħda chitbilna Fra Giusepp, li chiecu chellhom il mezzi materiali il pajis collhu chien jakbad it-tuemmin nisrani. Chemm u chemm hua tas seuua il cliem tal Papa meta jgheidinna illi il Missiunarji jinsabu fil bzon, illi icollhom jiekfu fix-xoghol taħħom ghan nukkas tal ghajnuna. Uara dal kari jidrilna illi ma hemmx bzon, illi inzidu ngheidu actar ghalbiex cullħatt jifhem il bzon illi hemm li ngheinu il Missiunariju.

## Giabra ta "IL BIDUI" ghal missioni.

"IL BIDUI" deherlu li din id-darba hu ucoll ghandu jgholli il-leħen tighu biex jitlob lil ħbieb u'l karreija collha ta dan il periodicu jiccontribuixxu dac li jistghu ghal MISSIONI.

Ghal Dauc li jiccontribuixxu ectar min sitt-soldi, aħna sejrin nghamlu numru ħdejn isimhom u intellghu bix-xorti

**KANTAR NITRAT TAS-SODA**

ghal bdieua, u dauc li m'humiex bdieua jeu li jippreferixxu ser nghamlu

**FOUNTAIN-PEN** (Penna Stilografica) fina

li titla ucoll bix-xorti.

Dauc li jiccontribuixxu ectar min sitt-soldi *icollhom numru ghal cull sitt-soldi li jiccontribuixxu*

Mita tibghat il flus ghaid x'tippreferixxi il pinna jeu in-Nitrat.

Aħna nisperau li il karrejja COLLHA tghana, minghair ebda distinzioni jiccontribuixxu dac li jistghu, lejn din l'opera tal missioni. Dauc li jistghu (*u min ma jistax ghandu jibghat imkar sold*) ghandhom jibghatu il flus fl'officciu tal BIDUI,

53, *Sda. S. Vincenzo, Sliema-Malta*, u jistghu jintbghatu f'bolli. Dauc li jibghatu min sixpence il fuk huma mitluba li jibghatu carta postali (tinxtara mil posta) jeu jibghatu il flus ma xi ħatt. *L'ismijet ta dauc coliħa li jiccontribuixxu jidhru f'numru jeħor ta dan il periodicu.*

Nisperau li it-talba tghana tigi milkugħa b'risposta chif jixirkila MIN CUL-HATT.

Ittri li fighom il flus jeu bolli ghandhom jigu mibghouta lill'Editur ta dan il periodicu. (Bolli irridu infissru bolli ta Malta *giodda*, m'hux usati).

**Ftacar li jech tibghat sitt-soldi, jeu izjed min sitt-soldi, barra milli tcun tghain din L'OPERA TAL MISSIONI, tista tirbah ucoll KANTAR NITRAT TAS-SODA jeu PINNA FINA STILOGRAFICA.**

**IBGHAT ISSA KABEL TINSA.**

---

## IL KAMH IMHAUUEL.

Mictub mil Prof, John Borg M.A., M.D.
m-ll'Ufficciu tal Biedia

---

Nahseb li tigihom ġdida il bdieua taghna mita jisimghu li il kamħ *jitħauuel*. Imma minn ftit tas-snin il haun xi bdieua fi Franza, fil Germanja, fl'Italja u issa ucol fl'Inghilterra, bdeu *iħaulu* il kamħ, jigifieri l'euuel jizirghu il kamħ fi ħmiemel cbar, imbaghad xi xahar jeu hames gimghat uara li jinbet, jakelghuħ mill ħammiela u iħauluħ bl'idani, bħal ma jitħauuel il basal.

Cina li il kamħ jitħauuel ma hix xi invenzjoni ġdida tal Europa, ghaliex fic-Cina ic-Cinizi ilhom eluf ta snin jizirghu ir-ross fill ħmiemel, imbaghad iħauluħ mill ħammiela, ghad li ir-ross jinzara ucoll fil post bħal ma aħna nizirghu il kamħ. M'hemmx bzonn nghidu li (barra minn xi ghamliet ta ross li jizirghu fin-niexef, u li jgħidulhom ross tal muntanja jeu ross tan-niexef), ir-ross jinzara ġol ilma, jigifieri fir-raba' mghotti bl'ilma jeu fir-raba' kabel ma jirħulu l'ilma biex jitghatta; imbaghad mita jinbet, fein jinbet sfiek uisk, jingibdu troffi minnu u ikeghduħom ġol ilma fein ix-xtieli tar-ross icunu ħfief. U hecc ucoll, it-taħuil tar-ross mill ħmiemel isir billi ix-xtieli jingibdu mill ħammiela, u jitkieghdu jeu jitpoggeu uaħda uaħda, jeu troffa troffa, fir raba mghotti bl'ilma, minghair ma hemm bzonn jitħauuel ġot-trab, ghaliex fuk l'ilma jakbad uaħdu u inizzel gheruku geuua it-trab jeu tajn, taħt l'ilma. Ic-Cinizi ilhom ucoll zmien tuil jizirghu il kamħ fill ħmiemel u imbghad iħauluħ bħar-ross; imma il kamħ tasseu li jitħauuel, ghaliex l'gheruk jirtadmu ġot-trab, bħal ma jitħaulu ħxejjex oħra. Mela it taħuil tal kamħ gej mic Cinizi, u daħal fl'Europa ghaliex l'Europej indunau li il kamħ imħauuel jati uicc uisk isbaħ u tal cotra mill kamħ li jinzara u jitrabba fil post.

Xi ġurnali ta barra ftaħru uisk bil "biedja il ġdida" tal kamħ, jigifieri bit-taħuil tal kamħ, u sar ħafna ghageb u intkalu ħafna ħmerijet; imma hua tasseu li it-taħuil tal kamħ icattar il prodott, u minn 25 sa 50 fil mija ictar minn kamħ li mhux imħauuel imma li hu mizruħ mal kamħ imħauuel u trabba fl'istess xeħta ta art, Din iz-zieda fil prodott ta 25 sa 30 fil mija mhux ta min imakdara ghaliex tfisser li ghal cull modd kamħ li soltu jieħu il bidui jista jeħu modd u uejba jeu modd u nofs u f'xi artijet jeu f'xi annati jista jieħu izjed minn dakshecc.

Fil Germanja digià inventau macna ghat-taħuil tal kamħ. Din il macna ghandha ghamla ta moħriet zghir u tingibed fir-radda bl'idejn. Kuddiem fiha bħal sicca ta moħriet li tiftaħ ir-radda, u uara is-sicca hemm rota li fiha ic-circu bħal canal fein jiktieghdu ix-xtieli tal kamħ uaħda uaħda, b'gheruk-hom iħarsu lura, u uara ir-rota hemm bħal manilja li tintghalak u tinfetaħ u mita tintghalak tħauuel u tross l'isfel ix-xitla tal kamħ. Din il macna titlob maħha tnejn min-nies, uieħed li jiġbidha bil pass bil mod u l'iħor jimxi ma genbha ikieghed ix-xtieli tal kamħ uaħda uara l'oħra fil canal tac-circu tar-rota. Din il macna keghdin

jippruvauha l'Inghilterra, imma ghad mhix tajba u rfinuta bizzejjed biex uiehed jista jirricemandaha ghal bdieua.

Ghalhecc dan it tahuil tal kamh ghal issa jahtieġ li isir bl'idejn sachemm xi hadd jinventa macna ahjar.

Ghamneuuel, jigifieri ma tul ix-xitua l'ohra (1927-28) ippruvait dan it-tahuil tal kamh fir-raba tal Imghieret u ippruvaitu b'zeuġ ghamliet ta kamh, li huma il kamh ta *Susa* (dac il kamh samm tuil li jakbel uisk mal art taghna u hu l'ahjar kamh li li haun ghas-smid u ghal ghagin), u'l kamh *Dreadnought* (razza ta kamh samm li hu ghammiel uisk, imnissel mill'Australia). Il kamh chien mizruh ghal hruġ Novembru, imma it-tahuil tighou sar ghal nofs Frar, minhabba li chienet sena milwiema uisk, u it trab hamri tal Imghieret chien dejjem tajn. Dan it-tahuil sar fl'indani dritti imbeghdin pied indana minn ohra, u ix-xtieli chienu mhaulin tlieta jeu erba pulzieri, uahda mill'ohra, fl'indana. Billi uara it-tahuil zammet ix-xita, chellna ntuhom tiskija hafifa bl'idejn, bil ctieli, biex jintebak it trab u ix-xtieli ma jinxfux. Ix-xtieli bdeu gejjin il kuddiem, ferrghu sabih, u gholeu chif imissu u tau prodott xi ghoxrin jeu hamsa u ghoxrin fil mija icbar mill prodott ta l'istess ghamliet ta kamh li chien mizruh mal'ihor f'art ta l istess xehta, ma genb fejn saret il prova. Li chiecu it-tahuil tal kamh ma sarx hecc imnahhar (ghal nofs Frar) chiecu ix-xtieli chienu iferrghu izjed u jatu prodott icbar.

Ghalhecc ma tul ix-xitua li ghaddiet (1928-29), tennejna il prova tal kamh imhauuel. Iz-zrigh sar fil 10 ta Ottubru, ix-xita ghamlet fit-13 ta Ottubru, u ghalhecc nibet u chiber malair. It-tahuil sar mill 15 sal 21 ta Novembru. Hauuilna ma duar tomna raba bil kamh ta *Susa* u xi tomna ohra bil kamh *Dreadnought*. Hauuilna ucoll xi nofs tomna raba mill kamh ta *Susa* u nofs tomna ohra kamh *Dreadnought* minghajr tiskija, biex narau jecc il kamh imhauuel bla ma jissakka xejn, inkas meta jithaunu chir imur u chemm jiflah isofri l-ghatx jecc izzom ix-xita. Imma billi dac in-nhar stess li hauuilna dan l'ahhar (nofs tomna minn cull qualità), inzertat ghamlet xebgha xita, b'hecc gie bhal l'ihor, u il prova ta chemm jiflah ghall ghatx ma suiet xein. Seu fl'euuel cas u chemm fit-tieni, il kamh gie mhauuel f'indani dritti, imbeghdin pied uahda mill'ohra fl'indani. L'indani chienu miġbudin dritti, min-nofs inhar ghat-tramuntana, biex mita il kamh jicber, ix-xemx tolkot l'indana filghodu min-nahha ta lvant u filghaxija min-nahha tal punent. Biccia mit-tahuil sar bejta uara l'ohra, jigifieri b'ghadsa tal injam, hoxna xi pulzier u quart u gejja ghal ponta; issir tokba fill hamrija, u f'din it-tokba titkighed ix-xitla xi ftit izied l'isfel milli chienet fill hammiela u tirtass bir-rigel mill ġenb u mill'ihor biex tigi uiekfa. Biccia ohra mit-tahuil sar billi tingibed radda jeu siekja bl'imghazka fonda xi erba' pulzieri u ix-xtieli jitkieghdu uahda uara l'ohra, imbeghdin xi tlieta jeu erba' pulzieri u jirtadmu mill ġenb u mill ihor biex jiġu uekfin. Imbaghad ighaddi xi tifel bil bexxiexa ibixx l'indani uahda uara l'ohra. It-tahuil ghandu isir uara li l'art tcun xorbot seuua, biex jeuuilla ma jaghmilx l'inxif, u ix-xtieli ibatu jeu imutu. Dan il kamh imhauuel jintakax darbtejn biex jitnaddaf mill haxix; u ma l'euuel nakxa, li saret fi hruġ Dicembru l'indani geu imburgiatî xi ftit biex ix-xtieli iferrghu ahjar. It-tieni nakxa saret fi hruġ Frar biex jitnaddaf il haxix, u billi l'indani chienu miġbudin fid-dritt, l'inkix sar malajr u hafif.

Cull min rah, cullhadd staghgeb chif dan il-kamh imhauuel chiber u ferrah minn taht, u ghalak uisk izjed mill-kamh li fadal zeijed u baka fejn chien u ma thauuelx. Ghad li dan it-tahuil tal kamh sar fuk il-uiċċ tal koton (u il koton chien sar fuk il uicc tal patata tax-xitua, u din fuk il uiċċ tal patata tas sajf), jigifieri l'art ma chienitx shuna żejjed, il kamh chiber hecc li f'xi bnadi habat jimtedd bir-rih, imma ma tanix bata b'dakshecc. Imbghad il kamh ta' *Susa*, billi ghandu kasba jebsa, ma tantx jimted malajr.

Il bidui jaf li meta il kamh jahbat

jimtedd, ghax icun mizruh fuk art imdemmla u shuna, jeu ghax inżara bicri zejjed, iż-żbula ma timliex chif imissha, u forsi tahbat tinhataf, l'izjed jecc ghal habra' ta' Mejju jghamlu il granet bis-shana u bl'ihtrik. Ghalhecc min irid jahdem il "kamh imhauuel", u actar im-imbaghad jecc icun sejjer ihauuel fil hamri jahtieg li jiżra u ma ihauuelx bicri zejjed.

Fi ftit cliem, intennu dac li ghedna fuk il "kamh imhawwel".

1. It-tahuil tal kamh jakbel uisk: ghaliex billi jaghmel uisk izjed mill kamh miżruh fil post, ihallas tajjeb ix-xoghol li irid saehemm jithauuel.

2. Il kamh ghat-tahuil ghandu jinżara' sfiek, ghall-ahhar ta' Novembru, jeu sa l'euuel hmistax ta Dicembru, u it-tahuil ghandu isir ghal hruġ Dicembru jeu dhul Jannar. Ix xoghol fil bicri hua hazin, l'izjed ghall hamri

3. L'indani ahjar icunu dritti, biex ix-xoghol isir ahjar; u jixrak li jingiedu mit-tramuntana ghal nofs-inhar, biex ix-xemx tilhakhom min genb filghodu, u mill genb l iehor fil ghaxija.

4. Mal'i terhi it-tahuil minn idejch, trid issakki l'indani bil chitla ghalavolja l'art tcun bit-tira. Ftit ilma hua bizzejjed chemm chemm titbok it-trab fuk l'gheruk biex ix-xitla ma tinxifx, jecc jeuuilla iz-zomm ix xita ghal xi erba tijem.

5 Uara it-tahuil, l'art titnaddaf ghall inkas darba mill haxix hazin, u fl'istess hin, l'indani nimburġauhom biex ix-xtieli ifergħu izjed.

---

## IT-TEUM GHAS-SAFAR.

Mictub mil Prof. J. Borg, M.A. M.D.,
Mill'Ufficciu tal Biedia.

Culltant isiefer xi ftit teum minn daun il gzejjer, issa ghal Grecja u issa ghal Tunes u ghal pajjizi ohra, imma billi minn xi sentejn 'l haun in-negozjanti taghna kabdu il cummerc ma l'India, u minn hemm fost oggetti ohra keghkin jitolbu ucoll it-teum, jixrak li il bidui taghna icun jaf xi haġa fuk chif ghandu jinhadem biex is-suk tieghu jinzamm u jibka f'idejna. Ghax cos billi it-teum ihalli riha tinten, jecc mar-riha jhalli ucoll il klieh ghal bidui u ghan-negozjant, naghmlu hazin jecc ma natux contu.

Nibda biex nghid li chif cull xoghol irid xoghlu, hecc ucoll it-teum, biex jirnexxi seuua, irid jinzara f'art tajba u mahduma tajjeb, li ma zzomx ilma fix-xitua, u jecc ma hemmx bzonn tal maghzuk, inkas ma trid tcun chiesha u nieksa mill bzar. Il proverbju jghid-lec, "Ghal San Matteu izra it-teum", ghaliex it-teum ghandu jinzara kabel l'euuel xita, biex jilhak ixenxel l'gheruk kabel ma inebbet b'sahtu u jibka gej il kuddiem.

Iz-zrieh isir jeu bil bejta jeu bir-raddi. Iz-zrieh bil bejta irir billi jintefghu minn tlieta sa hames sinniet f'cull bejta, u il bejtiet isiru xi xiber imbeghdin uahda mill'ohra. Iz-zrieh tar-raddi hua ahjar miz-zrieh bil bejta ghaliex it-teum icun izjed imbieghed uahda mill'ohra, u ghalhecc ir-ras issir ahjar u tehxien izjed; u biz-zrieh bir-raddi tidhol mizirgha izjed milli tidhol fiz-zrieh bil bejta, u ghalhecc il prodott ghal cull tomna raba' icun uisk acbar.

Hemm xi ghamliet ta teum ta barra li jaghmlu ir-ras u is snien ftit ehxen u ta leun actar bajdani minn ta Malta, u li minn ftit tas-snin il haun keghdin jinzerghu *sicuit* f'daun il gzejjer. Imma daun il ghamliet ta teum jitilghu b'rokba kasir, bil uerak mimdud mal art, u idumu ma itaulu ir-rokba tahhom, u ghalhecc fl'inkix u fit-tinkija mil haxix hazin, actarx li

jiġri li ħafna min-nebbiet jitkaċċat u jittajjar. It-teum ta Malta, ghad li forsi ma iħaxxenx ir-ras u is-snien daks dac ta barra, joghla izjed malajr fuk ir-rokba tieghu, u jitnaddaf mill ħaxix u jintakax aħjar minn dac ta barra. It-teum iridu uisk dan l'inkix u l'indafa mill ħaxix ħazin, u l'art ma ghanda tibka katt samma u mitbuka jecc ir-ridu nieħdu uicc sabiħ.

F'xi snin it-teum jibka kerkni u baxx u fi snin oħra narauħ joghla malajr fuk ir-rokba u jħaxxinha cmieni b'mod li ghall'aħħar ta Jannar icun jista jibda jinkala ghal beiħ bħala teum aħdar. Mita idum ma joħlok u joghla fuk ir-rokba, dac ifisser li dic is-sena sejjer jati uicc bejjeni jeu ħazin u dana icun gej mhux mill'art jeu min-nukkas tax-xoghol, imma mill'annata ħazina.

It-teum iħobb jimrad uisk bis-sadid (*Puccinia alii*) li jidher bħala ticchi irkak ħomor jeu seudenin ma tul il uerka collha u fuk ir-rokba. Dan il mard actarx li jidher ghal dħul Marzu imma f'xi snin ta annata ħazina jidher sa fuk in-nebbiet xi xahar uara l'euuel xita, u hemm nistghu nghidu li prodott mgharrak sejjer icollna. B'dan is-sadid mita jidher fi Frar jeu Marzu il uerka tinxef, u is-snien tat-teum ma jiħxinux chif imisshom. Din il marda hia kalila uisk ghaliex tibka minn sena ghal oħra, tittieħed mir-ras u mis-snien tat-teum, u ghalhecc it-teuma tcun marida sa minn kabel ma tinbet u billi it-teum jitnissel mis-snien u mhux biz-zerriegha, bħal ma jitnissel il basal minn hecc jigi li il marda tibka titnissel u ma tinkered katt. Jista uieħed itaffi xi ftit il ħsara billi jghaddi is-snien kabel iz-zrieħ minn ġol ilma tal cupru, li isir billi tħoll quart cupru fi tliet galluni ilma. Is-snien tat-teum kabel ma nizirghuhom inkeghduhom ġo ċurniena u inxarbuhom ġol ilma tal cupru ghal xi zeuġ minuti, imbghad nifirxuhom ghaxxemx u innixxfuhom kabel ma nizirghuhom. B'dan il mod il ħsara dejjem tonkos, u il marda ma tcunx hecc ħarxa li ma tħallix ir-ras tinghamel u teħxien seuua.

It-teum ghandu jinkala mill'art kabel ma jinxef ghal collox; imma inkas ma ghandu jinkala kabel ma icun sfar u uasal biex jinxef, biex ir-ras tilħak tinghamel seu. Malli jinkala, it-teum ghandu jirtabat mazzi, u l'mazzi jitperċu uieħed fejn l'ieħor fejn ighaddilhom ir-riħ taħt is-sigar jeu fid-dell biex ma jinxfux f'salt. Il-bdieua jafu li mita jinkala t-teum u icun ghadu ma nixefx ghal collox, ir ras tibka teħxien titmantna mir rokba sachemm dina tinxef ghal collox, u hecc ma icunx hemm telf billi it-teum jinkala xi ftit cmieni. Jafu ucoll li meta jinxef ghal collox fl'art, it-teum jinkala ħazin, jitkaċċat, ħafna rjus jinketghu u jintilfu u hecc it-telf jicber; u fl'aħħarnett jafu li mita jinkala cmieni it-teum jista jirtabat mazzi, chif jitlob is-suk, fil uakt li jecc jilħak jinxef ma icunx jista jirtabat, ghaliex ir-rokba tilħak titbascat u tcun titfarrac malli tmissa.

Haunhecc, jeħtieg nghidu chelmtejn fuk chif ghandu jirtabat it-teum ghas-suk ta barra u ghas-suk ta Malta. Ghas-suk taghna l'uzu hu li itteum jirtabat mazzi zghar li jistghu jinbieghu sold il uieħed, u daun il

mazzi inbaghad jirtabtu f'mazzi cbar ta tnax jeu ghoxrin mazz zghir. Imma ghas-suk ta barra l'irbit irid isir xort oħra. Ghas-safar it-teum hemm bzonn li icun marbut, m'hux mazzi, imma ghenieked bħal ħannieka, maħdumin bħal malja, cull milua tuila xi xibrejn u nofs. B'hecc it-teum jaghmel figura isbaħ u il ftit tax-xoghol li jitlob, iħallsu bil-uisa, ghaliex jitfittex izjed u jitħallas aħjar. Din il-malja issir malli it-teum jinkala, u kabel ma jilħak jinxef u cull malja jeu milua titkieghed tinxef fid-dell u fejn tghaddi l'feuga, uaħda fejn l'oħra, m'hux uaħda fuk l'oħra, biex ma jaħbatc jeħmer, u 'r-ras titlef il-leun taħha abjad griz ilekk, u ticrieħ ghas-suk.

---

## IS-SUR ALF M. GALEA.

Is-Sur Alf. M. Galea li fuku tħadditna bosta drabi f'dan il periodicu, compla zejjen il ġmiel tal Catina ta Cotba bil Malti li ħareġ, permezz ta zeuġ cotba oħra li ippublica daun il ġranet. "IL HAJJA TA MATT TALBOT" hù uieħed mil cotba li jinxtara bil prezz biss ta zeuġ soldi, ghaliex gie mictub apposta ghan-nies tax-xoghol, li ghalihom hu uisk meħtieġ. Mghandniex bizzejjed spaziu biex nitħattu fuk din il ġaura ta ctieb li ghandu jinsab f'cull dar ta familja maltija; izda billi hu bi prezz zgheir ta zeuġ soldi nisperau li culħatt jixtrieħ. Jista jinxtara minn ghand il librar Gianni Muscat il Belt, mil Cunvent tal Capuccini il Marsa, middar ta San Giusepp il Hamrun, u minn ghand oħrain.

Il famus ctieb l'jeħor jismu:

## IZ-ZEUG COTBA TA SAMUEL.

Daun iz-Zeuġ Cotba ta Samuel (jeu l'*Euuel Tnejn tas-Slaten chif iggibhom il Vulgata)* mictubin mn'id uaħda, ghad li ma jafux min chitibhom: nsibu fihom l'actar fuk is-saltniet ta Saul u ta David u il ġrajjiet ta duar mitt sena.

Ghalchemm Babel u l'Assirja u gens il Masrin u il ġnus l'oħra ta zmienhom bil bosta akua minn tal kbajjel tal Lhud, safejn nafu aħna, ma chellhomx cotba bħal taghhom l'isemmu fihom ħaġa ħaġa cull ma ghadda minn ghala genshom, ghadilli ħuejjeġ cbar x'chellhom ta tinkix u chitba oħra mxerrdin fuk il gebel u ir-rħamiet u il madum moħmi.

Sa dic il ħabta il Lhud ma laħkux chellhom ghajr Mħallfin l'imexxuhom meta riedu jieħilsu mill ghedeuua taghhom il barranin; u dan issibu takrauh fil CTIEB TAL MHALLFIN. Mbaghd marru b'moħħom illi jaħbtilhom aħjar jecc icollhom is-slaten, u talbu l'Alla jibaghtilhom sultan: Alla sama' it-talba taghhom u taghom sultan ghal kalbhom, u ħabtu ħazin mieghu. Imma, Alla ħenn ghaliehom, u tahom sultan ieħor ghal kalbu; u billi il David ħatarulhom Hu, sabuh tajjeb. Bħalma ħuejjeġ cbar x'uieghed lil Abraham u lil Jisacc u lil Jaghkob u lin-nisel taghhom, ħuejjeġ cbar uieghed Alla lil David; u Alla rtabat rabta mieghu ghala dejjem u taħ chelma li sachemm in-nisel tieghu izomm mat-tusijiet u ir-rieda t'Alla, il ueghdiet tieghu iseħħu seu fil gisem u seu fir-ruħ taghhom, nclelè fir-ruħ biss.

Imma ġara' illi huma u in-nisel

tagħhom chisru it-tusijiet u il chelma t'Alla u bakghu dejjem sejjrin lura; u seu is-slaten u chemm il gens tagħhom ma kaghdux ghalli Alla telakhom ghal rajhom ħa' jixorbu sal kiegħ l'mrar tal mgieba tagħhom il ħazina, chif stħokkilhom. U fuk hecc bakghu sa nfirdu minn xulxin u uakghu taħt il madmad tal ghedeuua tagħhom u nkerdu mid-dinja. Fl'aħħar raġa' Alla ftacar fihom u ħenn ghaliehom u baghtilhom il Habbarin tieghu ħa' imexxuhom huma u iuiddbuhom u jieħilsuhom mit-tiġrib li daħlu fih. Sachemm mbaghd, Alla kajjem minn nisel David, chif ueghdu, u minn gens il maħtur tieghu, Dac li chellu jieħilsilhom ruħhom mill jasar ta dejjem: il Messija, is-Sultan tas-slaten!

Nsibu f'daun iz-zeuġ "Cotba ta Samuel" fuk it-tifħir li jistħokkilhom seu is-Slaten chemm il Kassisin u il Habbara; izda ankas ma jaħfirhielom eu jaħbilhom fejn naksu l'Alla bid-dnubiet il cbar li fihom zelku: isemmi collox chif ghadda minn ghaliehom bla ma iħares lejn uiċċ ħadd; jati lil colħadd l'imissu chif jiġi minnu, u zamm mas-seuua t'Alla, dac Alla li nebbħu jicteb daun il Ġrajja l'intcom takrau.

Ixtruh, ghax m'hux ta min jghckod minghairu. Jimbiegħ Xelin biss u fieħ 224 pagina.

—

## CURSITAIJET.

—

Id-Dalji chienu ghall'euuel darba imdaħħla fl'Europa mil Bottanicu Dr. Dahl, giebhom mill Messicu g'1796. Id-Dalji ghall'euuel serveu floc il patata u jgheidu li ghadhom jiclughom f'xi postijet fi Franza.

Il Cactus Dalia, originat mid-Dalia "Juarezi" u chienet mibghouta mil Messico fis-sena 1872. Il Cactus Dalia saret popolari fl'Inghilterra 1893.

—

*Rafflesia Arnoldi* tghamel l'icbar fiur fid-dinja. Fiur imnixxef ta di 'l pianta, jinsab fil Museu ta li Storia Naturali ta South Kensington din hia pianta parassitaria (jigifieri li tgheix min fuk pianti oħra) li la ghanda zocc l'ankas uerak. Il fiur jinten ħafna u hu xi tliet piedi diametru u jizen 10 libbri.

—

*Raphia Toedigera* ghanda forsi l'icbar uerak uiesgna li jinsab fir-renju tal ħxejjex. Tinsab ħdein l'Amazon (Sud-America) u uerka uaħda tghatti spaziu ta 200 pied quadru.

—

## Chif ix-xienza tghallem lill prattica.

—

Zmien hilu Professur sab bidui kghed jakla mir-raba iz-zcuc tal favetta u cianfru bil mod, izba il bidui ma ħax ghalieħ u ir-risponda lil Professur: Chif, mghandix nghamel hecc? Le, dan mghandecx tghamlu kallu il Professur. Ghaliex? Ried jaf il bidui. Ghaliex mita tghamel dan, tcun kghed tneħħi l'gheruk li jatu l'art sustanza prezziusa, jigifiri in-Nitrogenu. Ma contċ nafu dan, irrisponda il bidui. Mil-lum il kuddiem naħsad il pianti bil mingel. U hecc ghamel.

—

# IN-NITRAT TAS-SODA TAL CHILÌ

## CHIF U CHEMM TGHATI NITRAT TAS-SODA TAL CHILI

**Patata**—Min 3 sa 5 uiżniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba tliet tijem uara iz-zrieħ; min 3 sa ħames uiżniet oħra kabel l'inkix.

**Il Kamħ u Maħlut**—Min 4 sa 6 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba uara li jinbet u kabel ma jitghadda bix-xatba jeu jitnakka bil lex-xuna. In-Nitrat tas-Soda hù uisk meħtieg ghal kamħ.

**Ix-Xghir**—Min 3 sa 4 uiżniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba' chif fissirina ghal kamħ.

**Il Kamħirrum:**-Uizintejn Nitrat tas-Soda maż-żrieħ, 3 uizniet oħra ma l-mghodija.

**Il Ful, U-Legumi collha**-3 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba ma l'euuel mghodija.

**Basal, Pitravi, Zunnarija, Neveu, u Gheruk oħra**—5 Uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba ma l-mghodija:

**Nakocc**—Min 3 sa 5 uizniet cull tomna mita icun ghadu zgheir.

**Cabocci, Nass, Indivia, Spinaci, Gidra, Brussells-Sprouts, Pastard u Ghelejjel oħra tas-sakui:**—Daun jigiu uisk il kuddiem mita jissakkeu b'in-Nitrat tas-Soda xi ftit granet uara li jinbtu—2 mgharef Nitrat f'cull landa tal pitrolju, imbghad ghati uara l'euuel xita jeu ma l'inkix, 5 uizniet Nitrat tas-Soda cull tomna raba, u ergia ghati xi 3 uizniet oħra xaħar uara.

**Tuffieħ Tadam**-2 imgharef f'cull landa tal pitroliu ma l'ilma, issakki bieħ meta tcun ix-xitla gholia 4 pulzieri mill'art. Ergia sakki bl'istess dosa gimgha uara. *Dan ilaħħak ixxitla bicri.* Malli il pianta tibda tghakkad il frott ergia sakki bli stess dosa, 2 imgharef f'cull landa tal pitroliu, darba cull tmien tijem ghal tliet gimghat jeu xahar.

**Kara Tuil**—Nofs ukija Nitrat tas-Soda f'cull gallun ilma darba fil gimgha, malli jifforma il kargha.

**Id-Duili**—F'Jannar ghati ma duar cull sigra, daks pied boghod mizzocc, mimli zeug imgharef Nitrat tas-Soda, ergia ghati li stess dosa ghal ħabta ta bidu Marzu, sakki cull darba uara in-Nitrat jech ma tghamilx xita.

**Il Banana**-L'aħjar risultati it-tieħdu mita intghata 4 imgharef Nitrat tas-Soda cull xaharejn, jeu 2 imgharef cull xahar.

**Laring, Lumi, Mandurina u Sigiar oħra tal Agrumi**—Ghal daun, in-Nitrat tas-Soda hu meħtieg uisk. Daun ghandhom jigiu mghotija nofs ratal ghal cull sigra fil conca mat-tiskija *Cull sena.* Sigar zghar ħafna jeu taħuil ġdid iridu inkas.

**Sigiar tal frott irkiek**-Fi ħruġ ix-xitua. kabel mas sigiar iraħħsu jeu jizgharu ratlein Nitrat tas-Soda f'sieħ raba. Id-doza ghal cull sigra tiddependi mid-daks, post u qualità ta sigra li tcun. Sigar iffullati iridu izied